Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tinkludi azzjonijiet relatati mat-tkabbir inklużiv u sostenibbli għall-iżvilupp tal-bniedem. Setturi li jistgħu jiġu indirizzati jinkludu:

— migrazzjoni,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u ż-żgħażagħ,

— il-protezzjoni soċjali u l-impjiegi, u l-aċċess universali għas-saħħa u l-edukazzjoni,

— l-ambjent kummerċjali, l-integrazzjoni reġjonali u s-swieq tad-dinja,

— l-agrikultura sostenibbli, in-nutrizzjoni u l-enerġija,

— it-tibdil fil-klima u l-ambjent,

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP *(ikompli)*

21 02 02 *(ikompli)*

— it-tħeġġiġ tal-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari l-inklużjoni soċjali, id-distribuzzjoni ġusta tal-introjtu, xogħol deċenti u ekwità,

— l-istabbiliment ta' sħubijiet inklużivi madwar il-kummerċ, l-investiment, l-għajnuna, il-migrazzjoni, ir-reġistrazzjoni ċivili, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija,

— l-appoġġ ta' soċjetà ċivili attiva u organizzata għall-iżvilupp u t-trawwim ta' sħubijiet bejn is-settur pubbliku u dak privat,

— l-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-promozzjoni ta' konsum u produzzjoni sostenibbli, kif ukoll investimenti f'teknoloġiji nodfa, enerġiji sostenibbli, it-trasport, l-agrikultura u s-sajd sostenibbli, il-protezzjoni u t-titjib tas-servizzi ta' bijodiversità u ekosistemi, inklużi l-ilma, is-sanità u l-foresti, u impjiegi diċenti inkluż il-ħolqien ta' impjieg għaż-żgħażagħ u n-nisa fl-ekonomija ekoloġika,

— it-tħeġġiġ ta' integrazzjoni u kooperazzjoni reġjonali akbar b'mod orjentat lejn ir-riżultati permezz tal-appoġġ għall-proċessi differenti ta' integrazzjoni u djalogu reġjonali,

— il-kontribuzzjoni għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa u r-rispons għalihom, inklużi dawk li joriġinaw fl-interfaċċa bejn annimali, bnedmin u d-diversi ambjenti tagħhom,

— appoġġ għat-tħejjija għad-diżastri u l-irkupru fit-tul wara diżastru, inkluż fil-qasam tas-sigurtà tal-provvista tal-ikel u n-nutriment u l-assistenza lill-persuni spustati,

— it-tisħiħ fil-kapaċità li jiġi provdut aċċess universali għal servizzi soċjali bażiċi, b'mod partikolari fis-saħħa u l-edukazzjoni.

Din l-approprjazzjoni tindirizza l-azzjonijiet relatati ma':

— id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà tar-reliġjon u tat-twemmin, id-drittijiet tat-tfal u n-nisa u l-istat tad-dritt,

— l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa u l-bniet,

— il-ġestjoni tas-settur pubbliku,

— il-politika u l-amministrazzjoni fiskali,

— il-korruzzjoni u t-trasparenza,

— is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali,

— il-bini u t-tisħiħ tal-istituzzjonijiet u l-korpi pubbliċi leġittimi, effikaċi u responsabbli, permezz tal-promozzjoni ta' riformi istituzzjonali (fosthom dwar il-governanza tajba u kontra l-korruzzjoni, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika) u riformi leġislattivi, amministrattivi u regolatorji bi qbil ma' standards internazzjonali, b'mod partikolari fl-istati fraġli u l-pajjiżi f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u wara kunflitt,

— il-kuntest tar-rabta bejn is-sigurtà u l-iżvilupp, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-produzzjoni, il-konsum u t-traffikar tad-drogi u kontra forom oħra ta' traffikar, l-appoġġ ta' ġestjoni effiċjenti tal-fruntieri u l-kooperazzjoni transkonfinali u t-titjib tar-reġistrazzjoni ċivili.

L-iskop tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp taħt din l-intestatura huwa li tikkontribwixxi lejn il-kisba tal-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli mingħajr ma jintesew l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju mhux kompluti kif ukoll li tippromwovi d-demokrazija, tal-governanza tajba, tar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u tal-istat tad-dritt, u li jisseddaq żvilupp sostenibbli u integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-prevenzjoni tal-kunflitti, is-sejba ta' soluzzjoni għall-kunflitti u r-rikonċiljazzjoni.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat riċevut ieħor taħt l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 21 — KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI U ŻVILUPP

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP *(ikompli)*

21 02 02 *(ikompli)*

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

21 02 03 ***Il-Kooperazzjoni mal-Asja Ċentrali***

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
163 710 652	102 000 000		15 000 000	163 710 652	117 000 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba li tkopri għajnuna biex telimina l-faqar u li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet għal żvilupp ekonomiku u soċjali sostenibbli u inklużiv, koeżjoni soċjali, demokratizzazzjoni u t-titjib fil-ħajja tan-nies. Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sfidi, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Il-programmi bilaterali se jiffokaw fuq il-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli, l-iżvilupp rurali integrat, opportunitajiet għall-ġenerazzjoni tad-dħul u l-ħolqien tal-impjiegi fiż-żoni rurali, u t-trawwim tas-sigurtà tal-ikel; ir-riformi fil-qasam tal-istat tad-dritt, il-promozzjoni tad-demokratizzazzjoni u d-drittijiet tal-bniedem, it-trasparenza u l-miżuri kontra l-korruzzjoni, u s-sostenn tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; l-istabbiliment ta' sistema effiċjenti ta' edukazzjoni ffokata fuq edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali ta' kwalità, li tkun tindirizza dak li jkun jeħtieġ is-suq tax-xogħol; is-sostenn għas-settur tas-saħħa permezz ta' aċċess imtejjeb għal servizz tas-saħħa ekwitabbli u ta' kwalità u l-appoġġ għal investimenti ekonomiċi.

Il-programmi reġjonali għandhom l-għan li jsostnu proċess wiesa' ta' djalogu u kollaborazzjoni bejn il-pajjiżi tal-Asja Ċentrali, speċjalment fiż-żoni sensittivi fejn tidħol l-istabbiltà ġenerali politika u soċjali.

Il-programmi se jkunu implimentati b'attenzjoni kostanti fuq dawk l-aktar fil-bżonn. Il-kwistjonijiet trasversali, bħalma huma l-ambjent u t-tibdil fil-klima, it-tnaqqis fir-riskju tad-diżastri, il-governanza lokali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-libertà ta' reliġjon u ta' twemmin, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u ż-żgħażagħ jiġu integrati fil-programmi kollha tal-Unjoni.

Meta u fejn jeżistu sforzi għar-riforma tal-governanza ta' natura sinifikanti u proċessi ta' demokratizzazzjoni ġenwini, l-għoti lilhom ta' appoġġ se jkun prijoritá. Bl-istess mod, l-allokazzjonijiet għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-programmi kontra d-drogi jiddependu fuq il-perspettiva għall-ilħuq ta' riżultati sinifikanti. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili se tkun element mill-aktar importanti ta' kooperazzjoni. Kullma jmur, se tiġi kkunsidrata kollaborazzjoni mal-aġenziji tal-Istati Membri biex dawn il-programmi jiġu implimentati kif ukoll it-taħlit mar-riżorsi minn istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

KAPITOLU 21 02 — STRUMENT TAL-KOOPERAZZJONI GĦALL-IŻVILUPP *(ikompli)*

21 02 05 Il-Kooperazzjoni mal-Afganistan

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
199 417 199	143 000 000		25 000 000	199 417 199	168 000 000

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri operazzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-proċess ta' rikostruzzjoni fl-Afganistan.

Se tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-oqsma deskritti hawn taħt, li jirriflettu strateġiji, sħubiji, kooperazzjoni u ftehimiet kummerċjali maqbula b'mod konġunt. Se jkunu stabbiliti prijoritajiet skont il-prijoritajiet ta' politika tal-Kummissjoni, l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli, filwaqt li jiġu msejsa fuq il-Kunsens Ewropew dwar l-Iżvilupp, l-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba sabiex tappoġġa servizzi soċjali bażiċi u l-iżvilupp ekonomiku fl-Afganistan.

Din l-approprjazzjoni hija wkoll maħsuba biex tappoġġa l-istrateġija nazzjonali tal-ġlieda kontra d-droga fl-Afganistan, inkluż il-waqfien mill-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan, u t-tħarbit u l-qerda tan-netwerks tal-oppju u r-rotot ta' esportazzjoni illegali lejn il-pajjiżi Ewropej.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tappoġġa l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-proċessi tar-ritorn tar-refuġjati u persuni spostati Afgani lejn pajjiżhom u reġjuni ta' oriġini skont l-impenji li ħadet il-Komunità Ewropea fil-Konferenza ta' Tokjo f'Jannar 2002.

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba wkoll biex tiffinanzja l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tan-nisa li ħadmu għal żmien twil għad-drittijiet tan-nisa Afgani.

L-Unjoni għandha żżid l-assistenza finanzjarja tagħha favur oqsma fl-Afganistan favur oqsma bħal ma huma s-saħħa (il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni ta' sptarijiet, il-prevenzjoni tal-mortalità tat-tfal, it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa, l-eradikazzjoni tal-poljomjelite f'dak li huwa wieħed mill-aħħar pajjiżi "endemiċi") u proġetti ta' infrastruttura żgħar u medji (tiswija tan-netwerks tat-toroq, bankini, eċċ.) kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tas-sigurtà tal-impjiegi u skemi dwar is-sigurtà tal-ikel.

Parti minn din l-approprjazzjoni se tintuża għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-libertà tar-reliġjon u t-twemmin.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża biex issir integrazzjoni tas-sistemi tat-tnaqqis ta' riskju mid-diżastri, ibbażat fuq is-sjieda u l-istrateġiji nazzjonali ta' pajjiżi fil-periklu li jintlaqtu minn diżastri.

Parti minn din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tintuża, fir-rispett dovut tar-Regolament Finanzjarju, biex tittejjeb il-qagħda tan-nisa, bi prijorità għall-azzjonijiet fl-oqsma tas-saħħa u l-edukazzjoni, u biex ikun appoġġat l-involviment attiv tagħhom fl-oqsma u l-livelli kollha tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Se tingħata attenzjoni partikolari wkoll għas-sitwazzjoni tan-nisa u l-bniet fl-azzjonijiet u u l-proġetti l-oħra kollha appoġġati minn din l-approprjazzjoni.

Kwalunkwe introjtu minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, skont l-att bażiku rilevanti, jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu determinati, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, bil-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut skont l-Artikoli 5 2 0, 5 2 1, 5 2 2, 5 7 0, 6 4 1 u 9 0 0 u l-Partita 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt dan l-artikolu skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 233/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi strument ta' finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għall-perjodu 2014-2020 (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 44).

IL-KUMMISSJONI

TITOLU 22

VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

TITOLU 22

VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

Riassunt ġenerali tal-approprjazzjonijiet (2020 u 2019) u eżitu (2018)

Titolu Kapitolu	Intestatura	Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
		Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 01	NEFQA AMMINISTRATTIVA TAL-QASAM TA' POLITIKA "VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR"	173 311 741	173 311 741			173 311 741	173 311 741
22 02	PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR	1 476 821 144	1 239 777 074		210 000 000	1 476 821 144	1 449 777 074
22 04	STRUMENT EWROPEW TA' VIĊI-NAT (SEV)	2 799 176 122	2 066 650 890		286 000 000	2 799 176 122	2 352 650 890
	Titolu 22 — Total	**4 449 309 007**	**3 479 739 705**		**496 000 000**	**4 449 309 007**	**3 975 739 705**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

TITOLU 22

VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 02	PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR							
22 02 01	***Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo***							
22 02 01 01	Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-	4	189 267 000	212 302 068		40 000 000	189 267 000	252 302 068
22 02 01 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-	4	496 900 044	214 087 189		70 000 000	496 900 044	284 087 189
	Artikolu 22 02 01 — Sub-total		686 167 044	426 389 257		110 000 000	686 167 044	536 389 257
22 02 02	***Sostenn lill-Islanda***							
22 02 02 01	Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 02 02 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 22 02 02 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 02 03	***Sostenn lit-Turkija***							
22 02 03 01	Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal-	4	150 000 000	48 772 300		10 000 000	150 000 000	58 772 300
22 02 03 02	Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal-	4	p.m.	398 786 099		90 000 000	p.m.	488 786 099
	Artikolu 22 02 03 — Sub-total		150 000 000	447 558 399		100 000 000	150 000 000	547 558 399

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Bażit 2020		Bażit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 02 04	***Integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali u sostenn għal gruppi ta' pajjiżi (programmi orizzontali)***							
22 02 04 01	Programmi multinazzjonali, integrazzjoni reġjonali u kooperazzjoni territorjali	4	603 637 000	304 788 952			603 637 000	304 788 952
22 02 04 02	Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA)	4	32 365 000	25 325 250			32 365 000	25 325 250
22 02 04 03	Kontribuzzjoni għall-Komunità għall-Enerġija tax-Xlokk tal-Ewropa	4	4 652 100	4 652 100			4 652 100	4 652 100
	Artikolu 22 02 04 — Sub-total		640 654 100	334 766 302			640 654 100	334 766 302
22 02 51	***Tlestija ta' assistenza preċedenti ta' qabel l-adeżjoni (ta' qabel l-2014)***	4	p.m.	31 063 116			p.m.	31 063 116
22 02 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***							
22 02 77 01	Proġett pilota — Preservazzjoni u restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 02 77 02	Azzjoni preparatorja — Preservazzjoni u r-restawr tal-wirt kulturali f'żoni ta' konflitt	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 02 77 03	Azzjoni preparatorja — Tishiħ tal-kooperazzjoni reġjonali dwar il-kwistjoni tal-persuni li għebu wara l-kunflitti fl-eks-Jugoslavja	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 22 02 77 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 22 02 — Total		**1 476 821 144**	**1 239 777 074**		**210 000 000**	**1 476 821 144**	**1 449 777 074**

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR *(ikompli)*

22 02 01 ***Sostenn għall-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo*** [1]***, Montenegro, is-Serbja u l-Maċedonja ta' Fuq***

22 02 01 01 Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal- *acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Bagit 2020		Bagit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
189 267 000	212 302 068		40 000 000	189 267 000	252 302 068

Kummenti

Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza fil-Balkani tal-Punent l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

— appoġġ għar-riformi politiċi,

— li jsaħħu l-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tar-riformi politiċi billi jappoġġaw l-allinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal- *acquis* tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0 u 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014. p. 11) u b'mod partikolari il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

22 02 01 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal- *acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Bagit 2020		Bagit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
496 900 044	214 087 189		70 000 000	496 900 044	284 087 189

[1] Din il-pożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet 1244(1999) u mal-opinjoni tal-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR *(ikompli)*

22 02 01 *(ikompli)*

22 02 01 02 *(ikompli)*

Kummenti

Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fil-Balkani tal-Punent:

— il-provvediment ta' sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, bil-għan li jinkiseb tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv,

— it-tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali billi jappoġġaw l-allinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal- *acquis* tal-Unjoni, inklużi l-preparazzjoni tal-Unjoni għall-ġestjoni ta' fondi strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom il-persuni rimpatrijati tal-Balkani tal-Punent, inklużi r-Rom, kemm fl-Istati Membri tat-tluq kif ukoll fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent tal-oriġini fejn jirritornaw.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0 u 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014. p. 11) u b'mod partikolari l-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

22 02 03 ***Sostenn lit-Turkija***

22 02 03 01 Sostenn għar-riformi politiki u allinjament progressiv relatat mal- *acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
150 000 000	48 772 300		10 000 000	150 000 000	58 772 300

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR *(ikompli)*

22 02 03 *(ikompli)*

22 02 03 01 *(ikompli)*

Kummenti

Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

— appoġġ għar-riformi politiċi,

— li jsaħħu l-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija fl-Unjoni fil-qasam tar-riformi politiċi billi jappoġġaw l-allinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal- *acquis* tal-Unjoni.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jagħti lok għal għoti ta' approprjazzjonijiet ulterjuri. Dawn l-ammonti jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħla fil-linja għan-nefqa fuq is-sapport amministrattiv għandhom ikunu stabbiliti, mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0 u 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014. p. 11) u b'mod partikolari il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

22 02 03 02 Sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali u allinjament progressiv relatat mal- *acquis* tal-Unjoni

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
p.m.	398 786 099		90 000 000	p.m.	488 786 099

Kummenti

Taħt l-Istrument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), din l-approprjazzjoni se tindirizza l-objettivi speċifiċi li ġejjin fit-Turkija:

— li tipprovdi sostenn għall-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali, bil-għan li jinkiseb tkabbir sostenibbli, intelliġenti u inklussiv,

— it-tisħiħ tal-abbiltà tal-benefiċjarji elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 fil-livelli kollha biex jissodisfaw l-obbligi li ġejjin mis-sħubija tal-Unjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u territorjali billi jappoġġaw l-allinjament progressiv u l-adozzjoni, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-acquis tal-Unjoni, inklużi l-preparazzjoni tal-Unjoni għall-ġestjoni ta' fondi strutturali, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali.

Kull dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk imwaqqfa taħt it-TFUE jew it-Trattat tal-Euratom għal ċerti programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u mmaniġġjati mill-Kummissjoni, jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Tali kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxi dħul assenjat skont il-punt (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammont korrispondenti tal-approprjazzjonijiet ta' pagament huwa stmat għal EUR 134 000 000 għall-2020. L-ammonti mdaħħla fil-linja għal nefqa ta' appoġġ amministrattiv se jiġu deċiżi, bla ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim tal-kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

KAPITOLU 22 02 — PROĊESS U STRATEĠIJA TAT-TKABBIR *(ikompli)*

22 02 03 *(ikompli)*

22 02 03 02 *(ikompli)*

Kwalunkwe approprjazzjoni użata fil-kuntest tal-appoġġ għar-rifuġjati u l-komunitajiet ospitanti jeħtieġ jibbenefikaw minnha direttament ir-rifuġjati u/jew l-attivitajiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li joperaw f'dan il-qasam.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0 u 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument għall-Għajnuna ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠU L 77, 15.3.2014. p. 11) u b'mod partikolari l-punti (b) u (c) tal-Artikolu 2(1) tiegħu.

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 04	STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV)							
22 04 01	***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterrann***							
22 04 01 01	Pajjiżi Mediterranji — Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-mobilità	4	130 732 660	99 184 805			130 732 660	99 184 805
22 04 01 02	Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	4	654 227 065	470 341 793		221 000 000	654 227 065	691 341 793
22 04 01 03	Pajjiżi Mediterranji — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	4	521 220 115	293 963 018			521 220 115	293 963 018
22 04 01 04	Sostenn għall-proċess ta' paċi u assistenza finanzjarja lill-Palestina u l-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-rifuġjati tal-Palestina (UNRWA)	4	320 598 750	302 440 740			320 598 750	302 440 740
	Artikolu 22 04 01 — Sub-total		1 626 778 590	1 165 930 356		221 000 000	1 626 778 590	1 386 930 356
22 04 02	***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant***							
22 04 02 01	Is-Sħubija tal-Lvant — Id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba u l-mobilità	4	252 879 012	142 497 911			252 879 012	142 497 911
22 04 02 02	Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli	4	389 328 623	268 456 920		65 000 000	389 328 623	333 456 920
22 04 02 03	Sħubija tal-Lvant — Ħolqien ta' fiduċja, sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' konflitti	4	12 708 666	2 488 783			12 708 666	2 488 783
	Artikolu 22 04 02 — Sub-total		654 916 301	413 443 614		65 000 000	654 916 301	478 443 614
22 04 03	***Żgurar ta' kooperazzjoni transfruntiera (KTF) effiċjenti u sostenn ta' kooperazzjonijiet multinazzjonali oħra***							
22 04 03 01	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 4	4	96 299 260	53 256 169			96 299 260	53 256 169
22 04 03 02	Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika Reġjonali)	1.2	81 139 971	53 256 169			81 139 971	53 256 169
22 04 03 03	Sostenn lil kooperazzjoni multinazzjonali fil-viċinat — Programm "umbrella"	4	223 300 000	145 229 012			223 300 000	145 229 012
22 04 03 04	Kooperazzjoni oħra multinazzjonali fil-viċinat — Miżuri ta' sostenn	4	28 500 000	16 297 114			28 500 000	16 297 114
	Artikolu 22 04 03 — Sub-total		429 239 231	268 038 464			429 239 231	268 038 464
22 04 20	***Erasmus+ — Kontribuzzjoni mill-Istrument Ewropew tal-Viċinat (ENI)***	4	88 242 000	83 635 984			88 242 000	83 635 984
22 04 51	***Tlestija ta' azzjonijiet fil-qasam tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u r-relazzjonijiet mar-Russja (ta' qabel l-2014)***	4	p.m.	135 602 472			p.m.	135 602 472

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) *(ikompli)*

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
			Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
22 04 52	***Kooperazzjoni transfruntiera (KTF) — Kontribuzzjoni mill-Intestatura 1b (Politika reġjonali)***	1.2	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 04 77	***Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji***							
22 04 77 03	Azzjoni preparatorja — Strateġija Ewro-Mediterranja ġdida għall-promozzjoni ta' imġjiegi għaż-żgħażagħ	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 04 77 04	Proġetti pilota — Finanzjar PEV — Thejjija ta' persunal għal impjiegi relatati mal-UNJONI-PEV	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 04 77 05	L-azzjoni preparatorja — Rkupru ta' Assi għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 04 77 06	Proġett Pilota — L-iżvilupp ta' ġurnaliżmu Ewropew ibbażat fuq l-għarfien relatat mal-pajjiżi tal-viċinat tal-Ewropa, permezz ta' attivitajiet edukattivi mwassla mill-Kampus ta' Natolin tal-Kulleġġ tal-Ewropa.	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
22 04 77 07	Azzjoni preparatorja — Appoġġ għall-ġirien tal-Unjoni biex jimplimentaw l-irkupru tal-assi	4	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Artikolu 22 04 77 — Sub-total		p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
	Kapitolu 22 04 — Total		**2 799 176 122**	**2 066 650 890**		**286 000 000**	**2 799 176 122**	**2 352 650 890**

22 04 01 Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tal-Mediterran

22 04 01 02 Pajjiżi Mediterranji — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Baġit 2020		Baġit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
654 227 065	470 341 793		221 000 000	654 227 065	691 341 793

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, *inter alia*, fl-oqsma li ġejjin:

— l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transettorjali, anki permezz ta':

  — approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali relevanti oħrajn,

  — il-bini ta' istituzzjonijiet,

  — aċċess indaqs għal servizzi ta' assistenza tas-saħħa u edukazzjoni ta' kwalità,

  — investimenti,

— żvilupp sostenibbli u inklużiv u inklużjoni soċjali fl-aspetti kollha, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ għaż-żgħażagħ,

— it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,

IL-KUMMISSJONI
TITOLU 22 — VIĊINAT U NEGOZJATI GĦAT-TKABBIR

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) *(ikompli)*

22 04 01 *(ikompli)*

22 04 01 02 *(ikompli)*

— il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,

— l-iżvilupp rurali,

— l-azzjoni klimatika,

— ir-reżiljenza għad-diżastri.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni, jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Kontribuzzjonijiet bħal dawn skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn ser jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0, 6 6 0 0, 6 4 1 0 u 6 4 1 1 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).

22 04 02 ***Sostenn għal kooperazzjoni mal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant***

22 04 02 02 Sħubija tal-Lvant — Tnaqqis tal-faqar u żvilupp sostenibbli

Ċifri (Approprjazzjonijiet differenzjati)

Bagit 2020		Bagit emendatorju Nru 9/2020		Ammont ġdid	
Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
389 328 623	268 456 920		65 000 000	389 328 623	333 456 920

Kummenti

Din l-approprjazzjoni hija maħsuba b'mod partikolari sabiex tkopri azzjonijiet ta' kooperazzjoni bilaterali u bejn bosta pajjiżi li jippromwovu riżultati, *inter alia*, fl-oqsma li ġejjin:

— l-integrazzjoni progressiva fis-suq intern tal-Unjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni settorjali u transettorjali, anki permezz ta':

— approssimazzjoni leġiżlattiva u konverġenza regolatorja lejn l-Unjoni u standards internazzjonali relevanti oħrajn,

— il-bini ta' istituzzjonijiet,

— aċċess indaqs għal servizzi ta' assistenza tas-saħħa u edukazzjoni ta' kwalità,

KAPITOLU 22 04 — STRUMENT EWROPEW TA' VIĊINAT (SEV) *(ikompli)*

22 04 02 *(ikompli)*

22 04 02 02 *(ikompli)*

— investimenti,

— żvilupp sostenibbli u inklużiv fl-aspetti kollha, inkluż l-iżvilupp tal-ħiliet u t-taħriġ għaż-żgħażagħ, l-inklużjoni soċjali, partikolarment tat-tfal l-aktar vulnerabbli, fosthom dawk b'diżabilitajiet,

— it-tnaqqis tal-faqar, anki permezz tal-iżvilupp tas-settur privat,

— il-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali interna,

— l-iżvilupp rurali,

— l-azzjoni klimatika,

— ir-reżiljenza għad-diżastri.

Livell adegwat ta' approprjazzjonijiet għandu jiġi riżervat għall-appoġġ tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Trid issir enfasi speċjali fuq il-fatt li jiġi żgurat li r-reġjuni u l-provinċji kollha jibbenefikaw bis-sħiħ mill-finanzjament.

Kwalunkwe dħul minn kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali minn Stati Membri u kontribuzzjonijiet minn pajjiżi terzi jew minn korpi għajr dawk stabbiliti taħt it-TFUE jew it-Trattat Euratom għal ċerti azzjonijiet jew programmi ta' għajnuna esterna ffinanzjati mill-Unjoni u ġestiti mill-Kummissjoni jista' jwassal għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali. Dawn il-kontribuzzjonijiet skont l-Artikolu 6 3 3 tad-dikjarazzjoni dwar id-dħul jikkostitwixxu dħul assenjat skont il-punti (a)(ii) u (e) tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. L-ammonti mdaħħlin fil-linja għan-nefqa amministrattiva ta' sostenn se jiġu stabbiliti, mingħajr ħsara għall-Artikolu 235(5) tar-Regolament Finanzjarju, mill-ftehim ta' kontribuzzjoni għal kull programm operazzjonali b'medja li ma taqbiżx l-4 % tal-kontribuzzjonijiet għall-programm korrispondenti għal kull kapitolu.

Dħul assenjat ieħor riċevut taħt il-Partiti 5 2 2 0 u 6 6 0 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul jista' jagħti lok għall-provediment ta' approprjazzjonijiet addizzjonali taħt din il-partita skont l-Artikolu 22(1) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażiġuridika

Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Strument Ewropew tal-Viċinat (ĠU L 77, 15.3.2014, p. 27).